MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 23/2014/1

**Emanuel Scerri**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Għawdex)**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Emanuel Scerri li permezz tiegħu, wara li ppremetta:

1. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti, li jġib in-numru tlieta u sittin tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin (63/1987), taħt il-kolonna 'Tagħrif dwar Missier it-tarbija – Isem u kunjom', kunjom missier ir-rikorrenti ġie erronjament imniżżel bħala 'Scerri' minflok 'Xerri' u dan hekk kif jidher mill-kopja taċ-Ċertifikat tat-Twelid hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'A';

2. Illi fl-istess ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti, taħt il-kolonna 'Tagħrif dwar l-Omm – Isem u kunjom', kunjom żewġ l-omm ġie erronjament imniżżel bħala 'Scerri' minflok 'Xerri' u b'hekk jaqra żbaljatament 'Theresa wife of the said Emanuel Scerri' minflok 'Theresa wife of the said Emanuel Xerri', u dan kif jidher mill-istess kopja taċ-Ċertifikat tat-Twelid hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'A';

3. Illi wkoll fl-istess ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti, taħt il-kolonna 'Tagħrif dwar Missier it-Tarbija – Isem u kunjom il-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet', kunjom missier il-missier tar-rikorrenti ġie erronjament indikat bħala 'Scerri' minflok 'Xerri', u dan hekk kif jidher mill-istess kopja taċ-Ċertifikat tat-Twelid hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'A';

4. Illi kunjom ir-rikorrenti kif ukoll tal-familja kollha tiegħu dejjem kien 'Xerri' miktub bl-ittra 'X' u mhux 'Scerri' bl-ittri 'Sc' kif imniżżel żbaljatament;

5. Illi infatti kunjom il-missier fiċ-ċertifikat tat-twelid relattiv li jġib in-numru tliet mija u erbatax tas-sena elf disa' mija u tmienja u tletin (314/1938), hawn anness bħala Dok. 'B', il-kunjom Xerri huwa dejjem indikat bl-ittra 'X' u għaldaqstant in-nannu tar-rikorrenti huwa debitament imniżżel bħala 'Francis Xerri', filwaqt illi n-nanna tar-rikorrenti hija mniżżla bħala 'Josephine Xerri' nee Falson wife of the sadi Francis Xerri';

6. Illi barra minn hekk fiċ-ċertifikat tat-twelid relattivi tal-aħwa tar-rikorrenti Raymond Xerri, Joseph Xerri u Darren Xerri li jġibu n-numri mitejn u ħdax tas-sena elf disa' mija u sebgħa u sittin (211/197), mija u wieħed u tmenin tas-sena elf disa' mija u iweħed u sebgħin (181/1971), u tliet mija u tlieta u tletin tas-sena elf disa' mija u tlieta u tmenin (333/1983) rispettivament, isem u kunjom il-missier taħt il-kolonna Isen u Kunjom u post tat-Twelid tal-Missier jinsab indikat fl-istanzi kollha

bħala Emanuel Xerri filwaqt li isen u kunjom l-Omm taħt il-kolonna ‘Isem u Kunjom u post tat-Twelid ta’ l-Omm’ fl-istanzi kollha huwa mniżżel bħala ‘Theresa Xerri nee Cauci wife of the said Emanuel Xerri’ u dan kif jidher minn kopja taċ-ċertifikati tat-twelid relattivi hawn annessi u mmarkati bħala Dok ‘Ċ’, Dok. ‘D’, u Dok ‘E’ rispettivament;

7. Illi infatti wkoll fil-parti ‘Firma tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni’, kunjom omm ir-rikorrenti huwa korrettement indikat bħala ‘Xerri’ u dan peress illi att oriġinali ta’ l-istess Att tat-Twelid sureferit, omm ir-rikorrenti ffirmat bħala ‘Teresa Xerri’;

8. Illi dan l-iżball mhux attribbwibbli għar-rikorrenti u dan stante li kif indikat ċar il-kumplament ta’ l-istanzi l-oħra ta’ missier u ħut ir-rikorrenti, il-kunjom ġie indikat korrettement bħala ‘Xerri’ u mhux ‘Scerri’;

9. Illi r-rikorrenti permezz t’ l-istanti rikors ġuramentat irid li ssir id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat uffiċċjali tat-twelid hawn fuq imsemmi u dan sabiex jirrifletti eżattament l-istat ta’ fatt kif spjegat

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numr tlieta u sittin tas-sena elf disa’ mija u sebgħa u tmenin (63/1987) u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura ‘Tagħrif dwar Missier it-tarbija – Isem u Kunjom’ sabiex kunjom il-missier indikat bħala ‘Scerri’ jiġi sostitwit u kkoreġut bħala ‘Xerri’;

2. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru tlieta u sittin tas-sena elf disa’ mija u sebgħa u tmenin (63/1987) u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura ‘Tagħrif dwar l-Omm – Isem u kunjom’ sabiex kunjom l-omm indikat bħala ‘Scerri’ jiġi sostitwit u kkoreġut bħala ‘Xerri’;

3. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru tlieta u sittin tas-sena elf disa’ mija u sebgħa u tmenin (63/1987) u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura ‘Tagħrif dwar Missier it-Tarbija - Isem u kunjom il-Missier, u jekk hux ħaj jew mejjet’ sabiex kunjom

missier missier ir-rikorrenti ndikat bħala 'Scerri' jiġi sostitwit u kkoreġut bħala 'Xerri';

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat nomine għas-subizzjoni li għaliha huwa minn issa qiegħed jiġi nġunt.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tal-Reġistru Pubbliku li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi in linea preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-**Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. Illi l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni għal korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru 63/1987 fis-sens illi fil-kolonna Isem u kunjom Missier it-Tarbija il kunjom Sceri jiġi mibdul għal "Xerri". L-istess jingħad għall-istess kolonna fir-rigward tat-Tagħrif dwar l-Omm, il-kunjom Scerri għandu jiġi mibdul għal "Xerri". Dan peress illi jirriżulta anke mid-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat illi kunjom missier ir-rikorrenti huwa "Xerri" u mhux Scerri. Peress illi l-wild jieħu kunjom missieru, hemm lok illi jiġi korret l-att tat-twelid tar-rikorrenti;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suepost, id-Direttur Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi allokat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti, u dan peress illi r-reġistrazzjoni saret a bażi tad-dikjarazzjonijiet magħmula minn omm ir-rikorrenti illi meta marret tirreġistra t-tarbija ndikat il-kunjom bħala Scerri flok Xerri, u fit-tieni lok, peress illi d-Direttur Pubbliku ma hux il-persuna responsabbli illi tikteb l-att, iżda hu responsabbli biss għar-reġistrazzjoni tal-istess att;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi.

Il-Qorti,

Billi jirriżulta li t-talbiet attriċi huma ġustifikati.

Tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talbiet u tordna:

1. L-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numr tlieta u sittin tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin (63/1987) u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura 'Tagħrif dwar Missier it-tarbija – Isem u Kunjom' sabiex kunjom il-missier indikat bħala 'Scerri' jiġi sostitwit u kkoreġut bħala 'Xerri';

2. L-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru tlieta u sittin tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin (63/1987) u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura 'Tagħrif dwar l-Omm – Isem u kunjom' sabiex kunjom l-omm indikat bħala 'Scerri' jiġi sostitwit u kkoreġut bħala 'Xerri';

3. L-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru tlieta u sittin tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin (63/1987) u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura 'Tagħrif dwar Missier it-Tarbija - Isem u kunjom il-Missier, u jekk hux ħaj jew mejjet' sabiex kunjom missier missier ir-rikorrenti ndikat bħala 'Scerri' jiġi sostitwit u kkoreġut bħala 'Xerri';

Minħabba n-natura tal-kawża, kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------